Australian Government

COVID-19 VACCINATION

# Tqala, treddigħ u l-vaċċini COVID-19

Nisa tqal qed jingħataw il-parir li jirċievu l-vaċċin COVID-19. Pfizer hu l-vaċċin preferut COVID-19 għal nisa li huma tqal, qed ireddgħu jew qed jippjanaw li joħorġu tqal. Ir-riċerka turi li Pfizer hu sigur għal nisa tqal u li qed ireddgħu u jistgħu jirċievu l-vaċċin fi kwalunkwe stadju tat-tqala.

Ir-riskju ta' problemi gravi minn COVID-19 hu ogħla għal nisa tqal u t-trabi mhux imwielda tagħhom. Nisa tqal li jimbokkaw il-COVID-19 għandhom riskju ogħla li jkollhom bżonn jiddaħlu fl-isptar jew ikollhom bżonn kura intensiva. It-tarbija tagħhom mhux imwielda għandha riskju ta' ċans ftit ogħla li titwieled qabel iż-żmien (titwieled qabel 37 ġimgħa tat-tqala) u jkollha bżonn tmur l-isptar għall-kura.

Il-vaċċinazzjoni hi l-aħjar mod biex tnaqqas dawn ir-riskji. Għall-aħjar protezzjoni, hu rrakkomandat li nisa tqal jirċievu iż-2 dożi tal-vaċċin Pfizer minn 3 sa 6 ġimgħat 'il bogħod minn xulxin.

Hemm evidenza minn pajjiżi oħra dwar is-sigurtà tal-vaċċini COVID-19 fit-tqala. Ir-rapporti juru li l-vaċċin Pfizer hu sigur għall-użu minn nisa tqal.

Ir-riċerka turi li nisa tqal u nisa mhux tqal jirċievu l-istess protezzjoni mill-vaċċinazzjoni COVID-19.

Il-probabbilitajiet ta' twelid qabel iż-żmien, twelid ta' trabi mejtin, trabi tal-età tal-ġestazzjoni iżgħar minn normal u anomalji konġenitali ma jiżdidux wara l-vaċċinazzjoni. Studju US ta' aktar minn 35,000 mara tqila wera li l-effetti sekondarji wara l-vaċċinazzjoni kienu simili ħafna kemm fin-nisa tqal u kemm f'dawk mhux tqal.

Hekk kif id-dejta fuq nisa tqal tiżdied, aħna ser inkomplu naġġornaw il-parir tagħna.

## X'inhuma l-effetti sekondarji possibbli wara l-tirċievi l-vaċċin Pfizer COVID-19 matul it-tqala?

Effetti sekondarji komuni wara l-vaċċin Pfizer jinkludu:

- deni
- uġigħ fid-driegħ
- uġigħ ta' ras
- uġigħ fil-muskoli

- uġigħ fil-ġogi
- bard

Jekk għandek xi wieħed minn dawn l-effetti sekondarji wara l-vaċċinazzjoni tiegħek, int tista' tieħu paracetamol biex tnaqqas dawn l-effetti sekondarji komuni. Il-paracetamol hu sigur fl-istadji kollha tat-tqala.

L-istudji minn madwar id-dinja ma sabu l-ebda effett sekondarju speċifiku għan-nisa tqal jew għat-trabi tagħhom. Madankollu, jista' jkun hemm effetti sekondarji rari ħafna li għadhom ma nstabux.

## Hemm xi benefiċċji għat-tarbija tiegħi jekk nieħu l-vaċċin COVID-19 waqt it-tqala?

Nisa tqal li jimobokkaw il-COVID-19 għandhom riskju ogħla lit-tarbija titwieled mejta jew ta' twelid primatur (kmieni). It-trabi tagħhom huma aktar probbabli li juru skonfort waqt it-twelid, jew ikollhom bżonn kura fis-sezzjoni tal-kura intensiva tat-trabi li jitwieldu mejta fl-isptar.

Il-vaċċinazzjoni hi l-aħjar mod biex tnaqqas dawn ir-riskji.

L-evidenza xjentifika tissuġġerixxi li l-antikorpi maħluqa minn nisa tqal wara li jirċievu l-vaċċin COVID-19 jistgħu jgħaddu għall-plaċenta, speċjalment f'nisa vvaċċinati kmieni matul it-tqala u li rċevew iż-żewġ dożi qabel ma twieldet it-tarbija. Dawn l-antikorpi jistgħu jagħtu lit-tarbija xi protezzjoni kontra l-COVID-19 għall-ewwel xhur tal-ħajja.

## X'inhuma r-rakkomandazzjonijiet għal nisa li qed ireddgħu?

Pfizer hu rrakkomandat għal nisa li qed ireddgħu. Int tista' tkompli tredda' qabel jew wara l-vaċċinazzjoni tiegħek.

## X'inhuma r-rakkommandazzjonijiet għal nisa li qed jippjanaw li joħorġu tqal?

Pfizer hu rrakkomandat ukoll għal nisa li qed jippjanaw li joħorġu tqal. Jekk int tirċievi l-vaċċin qabel il-konċepiment ifisser li x'aktarx int ser tkun protetta kontra l-COVID-19 matul it-tqala tiegħek. Jekk jogħġbok innota li:

- M'għandekx bżonn tevita li toħroġ tqila qabel jew wara l-vaċċinazzjoni COVID-19.
- Il-vaċċinazzjoni ma taffettwax il-fertilità.
- Int mhux mitluba tagħmel test tat-tqala qabel ma tkun ivvaċċinata.

## Għal aktar tagħrif

Biex tkun taf fejn tista' tirċievi l-vaċċin tiegħek COVID-19, żur https://covid-vaccine.healthdirect.gov.au/eligibility

Jekk għandek mistoqsijiet dwar il-vaċċini COVID-19, kellem lit-tabib tiegħek, mur f' health.gov.au/covid19-vaccines-languages, jew ċempel lin-National Coronavirus Helpline fuq 1800 020 080. Għas-servizzi tal-interpretar, ċempel fuq 131 450.